No. 16,224
Prezz 2c
Price 2c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 23 ta' Jannar, 1996
Tuesday, 23rd January, 1996

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 64

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikoli 47 u 48 (5) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, 1992

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar tqis is-siġra li ġejja, jiġifieri:—

CERATONIA SILIQUA
(CAROB TREE, ĦARRUBA)
fi
Triq is-Sajjieda k/m Triq iż-Żebbuġ
San Ġiljan

kif murija fil-pjanta fuq paġna 478, hija ta' valur estetiku, kulturali u arborikulturali. Hija temmen ukoll li għalhekk is-siġra għandha titqiegħed fuq il-Lista ta' Siġar Skedati skond it-termini ta' l-artikolu 48(1) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, 1992.

L-Awtorità hija tal-fehma li s-siġra msemmija hija fil-periklu li tiġi maqlugħa mill-għeruq, meqruda, miżbura, żmiċċata mid-dirgħajn, jew inkella b'xi mod ieħor danneġġjata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward tas-siġra msemmija hawn fuq, skond l-artikoli 47 u 48 (5) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, 1992.

GOVERNMENT NOTICE

No. 64

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Sections 47 and 48 (5) of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following tree, namely:—

CERATONIA SILIQUA
(CAROB TREE, ĦARRUBA)
at
Triq is-Sajjieda c/w Triq iż-Żebbuġ
San Ġiljan

as shown on the site plan on page 478, is of aesthetic, cultural and arboricultural value, such that it should be listed as a "Scheduled Tree" in terms of section 48 (1) of the Development Planning Act, 1992.

The Authority also believes that the tree is in danger of being uprooted, destroyed, pruned, looped, or otherwise harmed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above tree in accordance with sections 47 and 48 (5) of the Development Planning Act.

(i) Il-ħarruba murija fil-pjanta mehmuża hija meqjusa bħala siġra skedata.

(ii) Għandu jsir kull sforz ħalli s-siġra tibqa' fi stat tajjeb ta' saħħa.

(iii) Jekk għal xi raġuni s-siġra tmut, flokha għandha titħawwel siġra oħra indiġena, kif tkun approvata mill-Awtorità.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk is-siġra ssirilha xi ħsara jew tiġi meqruda bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettieq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Siġra Skedata.

(i) The carob tree shown on the attached plan is to be considered as a scheduled tree.

(ii) All efforts are to be carried out to ensure the continued well being of the said tree.

(iii) Should the tree die for whatever reason it shall be replaced by a tree of an indigenous species as approved by the Authority.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this Order.

If the tree is in any way damaged or destroyed in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Trees.

